

# Il-Patrijiet ta' San Franġisk f'ta' Paris - Birkirkara

P. Alfons M. Sammut ofmconv.



Kienu is-snin qliel tat-tieni gwerra dinjija u f'wieħed minn dawk l-attakki ta' l-ajru, lejl u nhar ma jaqatgħu xejn, il-*luftwaffe* – ajruplani tal-gwerra Ġermaniżi, nhar l-20 ta' Mejju, festa ta' San Bennardinu ta' Siena, għall-ħabta ta' l-għaxra ta' filgħodu, bomba, jew aħjar mina, laqtet u ġarrfet parti mill-kuvent ta' San Franġisk tal-belt Valletta.

Dak iż-żmien, l-Patrijiet kienu sabu kenn f'Birkirkara, f'dar ta' l-Avukat Guzè Pace f'ta' Paris, jew aħjar fi Triq l-Imsida, sewwa sew f'Villa Flora. Ta' min jgħid li l-Avukat kellu zijuh patri Franġiskan, P. Gulielmu Pace, patri anzjan u konfessur imfittex li kien jgħaddi siegħat twal fil-konfissjunarju. Dan il-Patri, meta bdiet il-gwerra u waqgħu l-ewwel bombi, kien diġà ġie joqgħod man-neputi f'Birkirara. Mal miġja tal-Patrijiet imbagħad, ingħaqad mal-bqija tal-komunità li marret toqgħod f'Villa Marija. Fil-kamra tal-ġemb, kamra bil-gallarija, kien joqgħod P. Salv Tabone, il-Kummissarju Provinċjali. Il-Patrijiet l-oħra tqassmu kif setgħu fil-ftit kmamar l-oħra, saħansitra xiħadd ukoll taħt it-taraġ. F'dawk is-snin imwegħra tal-gwerra, l-Patrijet filwaqt li ta' kulljum kienu jmorru l-belt biex iqaddsu u jamministraw is-sagramenti, bdew jagħtu servizz ukoll f'Birkirkara. Kulljum kienu jqaddsu fis-7.30 fid-dar ta' l-Avukat, fejn kienu qegħdu altar ta' l-injam fis-sekonda ntrata, ma' l-indana tat-taraġ, faċċata tal-bieb ta' barra. Fil-ħdud, imbagħad, kienu jagħmlu żewġ quddiesiet. Barra minn dan kienu wkoll iqarbnu l-morda ta' l-inħawi u jwettqu ħidma pastorali oħra skond il-ħtieġa.

In-nies ħabbithom u meta fi tmiem il-gwerra l-Patrijiet ġew biex imorru lura l-belt, ma setgħux iniżżluha li jarawhom sejrin. Kien għalhekk li talbu 'l Patri Salv biex il-Patrijiet ma jħalluhomx. Il-Patrijiet ukoll kienu ħabbu lin-nies twajba ta' l-inħawi. U P. Salv Tabone kien ġà minn żmien qabel beda jaħseb biex il-Provinċja





jkollha kunvent ġdid. U issa ġiet ix-xoqqa f'moxta. Tkellem ma' l-Avukat Pace u qatagħha li fuq biċċa art li l-avukat kien lest li jgħaddi lill-Provinċja, jibni knisja u kunvent. Kien għall-aħħar tas-sena 1944 u qabel ma l-Patrijiet marru lura fil-kunvent tal-belt, miksub l-permess meħtieġ ta' l-Arċisqof, Mons. Mikiel Gonzi, ġew magħżula l-Patrijiet li kellhom jiffurmaw l-ewwel komunità: P. Serafin Fenech, P. Ilarju Dimech, P. Wistin Magro u P. Paċifku Zammit. L-erezzjoni kanonika tad-dar il-ġdida kienet b'seħħ mill-31 ta' Diċembru 1944.

Fuq il-maħżen li kien iservi ta' kappella, tħejjew xi kmamar li fihom setgħu jogħqodu il-patrijiet, kċina ċkejkna u karma ta' l-ikel. Insomma dak kollhu li kien meħtieġ biex jista' jissejjah kunvent żgħir. Niftakar li P. Serafin Fenech, l-ewwel Superjur, malajr laqqmu Rivotorto. Mur għejdlu dak iż-żmien, li wara aktar minn 60 sena kellha titla fuq dik l-art binja oħra wisq ikbar u isbaħ bl-isem ta' Rivotorto.

Wara l-ftuħ ta' din id-dar proviżorja u t-tberik tal-maħżen-knisja, fil-BERQA, gażżetta ta' kuljum bil-Malti, kienet dehret kitba tal-Karkariż Gużè Dimech Debono, li fiha dan kien xebbaħ l-għolja li fuqha nbniet il-bażilka ta' S. Franġisk ma' l-inħawi tal-knisja li konna rridu nibnu. Kien kiteb, li kif S. Franġisk, skond ix-xewqa tiegħu kien ġie midfun fuq dik li kienet magħrufha l-Għolja ta' l-Infern, imma li wara, l-Papa Girgor IX, meta bierek u qiegħed l-ewwel ġebla tal-bażilka, ried li tibda tissejjeh l-Għolja tal-ġenna, hekk issa l-post magħruf bħala Pjazza Nfern, minħabba li kellha tinbena knisja f'ġieħ San Franġisk, tkun ħaġa xierqa li nibdew insejjħulu Pjazza Gènna. Ix-xewqa ta' Dimech Dobono ma seħħitx, imma Triq l-Imsida, bil-knisja ta' San Franġisk, imbidlet mill-lejl għan-nhar u ta' Paris illum żviluppa f'waħda mill-isbaħ żoni ta' Birkirkara.

Kellhom jgħaddu sitt snin mil-ftuħ tal-maħżen sal-bidu tal-bini tal-knisja li ngawdu llum. U kien ftit aktar minn 60 sena ilu, sewwa sew fit-8 ta' Dicembru 1952 meta P. Piju Mamo, il-Provinċjal ta' dak iż-żmien, bierek l-ewwel ġebla u hekk beda jieħu sura t-tempju eleganti mibni b'sengħa mill-imgħallmin, l-aħwa Manwel u Karmenu Bezzina mill-Marsa, li fuq il-pjanta tal-Perit Roger De Giorgio ħallewlna knisja li tgħamilna tassew kburin. U meta l-bini tal-knisja kien lest, fuq l-artal maġġur tqiegħed l-istess kwadru, pittura antika ta' awtur mhux magħruf, li kien hemm fil-maħżen u li llum jinsab fis-sagristija.





Illum il-knisja tagħna tiddandan sinjorili u eleganti, tħares fuq Pont San Massimiljanu Kolbe u tgħarrex biex tiltaqa' mal-ħarsa ta' min, minn Triq Dun Gejtanu Mannarino, jimrah tul Triq Dun Filippu Borgia biex jammira is-sbuħija arkittettonika ta' l-istil romaniku li jiddistingwiha.

Għaddew 60 sena mill-bidu tal-bini tal-knisja u llum aħna ngawdu il-frott ta' dawk li ħadmu, batew u seffqu wicchom biex ħallewlna knisja li hi l-għira ta' ħafna, knisja li tixraq lil Ta' Paris, b'bini modern li llum jilqa' familji li minn kull naħa ta' Malta fittxew post ċentrali u milħuq hawn f'Birkirkara. U issa jmiss lilna li nieħdu ħsieb din il-ġahwra ta' knisja, ngħożżuha u nżejjnuha kif jixraq lid-dar ta' Alla. Għax tassew, din hi l-għamara ta' Alla fost il-poplu tiegħu.

Imma dak li hu aktar importanti, hu li nqisuha bħala d-dar tagħna, għax hi dar Missierna tas-sema. Aħna li ngħixu madwarha ma nagħmlux għajb lil dawk ta' qabilna li bnewha u għammruha. Lanqas lil dawk tal-bogħod li jiffrekwentaw il-knisja sabiħa tagħna. Ma nirfsux l-għatba tal-knisja darba jew ftit drabi fis-sena, fil-festa u fil-festi l-kbar biss. Il-Mulej jistenniena kuljum u l-aktar fil-jum tiegħu, jum il-ħadd, biex jgħidilna mħabbtu, jiġbidna lejh u jagħtina l-ħarsien tiegħu, dak il-ħarsien li għandna bżonn biex aħna u l-familji tagħna ngħixu u nimxu bla biża' l-ħajja tagħna fil-bnazzi u fil-maltemp, fil-ferħ u fin-niket, żguri dejjem li l-Missier tas-sema jieħu ħsiebna u ma jħalli qatt li nkunu mġarrbin bla ma jagħtina l-għajnuna tiegħu. Hu waħdu jista' jagħtina l-Paċi fi qlubna u fil familji tagħna. Hu biss jista' jara li jsehh fostna u fis-soċjetà Malrija il-motto Franġiskan ta' PAĊI u ĠID.


# Pisani Florist

*Flower arrangements for Weddings, Parties etc...*



336, St. Joseph High Street, Santa Venera.

**Tel: 2122 1382 • Mob: 7944 2395 / 79619673**

website: theweddingsite.com/pisaniflorist
email: pisaflor@maltanet.net